**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Lulju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs**

**Maria Patricia De Las Heras**
**Christoph Jorge Valdivia Docio**
***Omissis***
***Omissis***
**Carla Ramirez Casco u**
***Omissis***

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2020 - migjuba kontra:

Maria Patricia De Las Heras bint Jesus u Maria Del Rosario xebba Sanz residenti 44 Flat 6 Triq it-Tridenti Swieqi, imwielda Spanja nhar is-6 ta' Frar 1984 detentrici tal-karta tar-residenza Maltia bin-numru 147898A, u

Christoph Jorge Valdivia Docio iben Jorge u Zulema xebba Dacio resident 35, Adelina Court, Triq is-Swieqi, Swieqi, imwieled Spanja nbhar it-28 ta' Ottubru 1984 detentur tarl-karta tal-identita Spanjola 71935556C, u

*Omissis,* u

*Omissis,* u

Carla Ramirez Casco bint Carlos u Raquel xebba Casco, residenti Flat 7 Bayview Apartments, Triq Birkirkara San Giljan imwielda Spanja nhar it-8 ta' Frar 1997 detentrici tal-karta tal-identita Spanjola 77193826F

Akkuzati talli nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju 2020 għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl (2200hrs) barra l-istabbiliment Happy Dayz Bar ġewwa ix-xatt ta' Spinola, San Ġiljan:

1. Inġurjaw jew heddew jew għamlu offiża fuq persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu jew jbezzgħu fuqhom kontra il-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
   (Art. 95 tal-Kap. 9 Ligijiet ta' Malta);

2. Kisru l-ordni li ngħatat mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika li tipprojbixxi grupp ta' iktar minn erbgħa (4) persuni f'postijiet pubbliċi;
   (Reg. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.41 u Reg. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.35)

3. Ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kienu jgħamlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlulhom fi dmirhom, billi ma ħallewx lis-surġent 345 Mark-George Cremona, il-kuntistabbli 78 Luke Grima, il-kuntistabbli 759 Alan Mercieca, il-kuntistabbli 803 Andrew Pullicino u l-kuntistabbli 906 Elio Joe Gatt jgħamlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jgħamlu, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassar dak li PS345, PC78, PC759, PC803 u PC906 kienu għamlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;

(Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

4. Ħebbew kontra il-persuna tas-surġent 345 Mark-George Cremona, il-kuntistabbli 78 Luke Grima, il-kuntistabbli 759 Alan Mercieca, il-kuntistabbli 803 Andrew Pullicino u l-kuntistabbli 906 Elio Joe Gatt sabiex jinġurjawhom, idejjquhom jew jgħamlulhom il-ħsara;
(Art. 339 (1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

5. Volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
(Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 Ligijiet ta' Malta)

Maria Patricia De Las Heras, Christoph Jorge Valdivia Docio, u Carla Ramirez Casco gew akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

6. Attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, u cioe lil PS 345 Mark-George Cremona u PC 78 Luke Grima, filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;
(Art. 96 (b) tal-Kap. 9 Ligijiet ta' Malta)

Lil Maria Patricia De Las Heras u *Omissi*s flimkien akkużati ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

7. Volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) iżda ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2,500.00) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Kumissarju tal-Pulizija;
(Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Lil Maria Patricia De Las Heras waħedha nakkużaha ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

8. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja tas-Surġent 345 Mark-George Cremona f'periklu ċar, ikkaġunatlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;
(Art. 214, 215 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

9. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma' tammontax għal aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) għad-detriment tas-surġent 345 Mark-George Cremona u/jew tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Kumissarju tal-Pulizija;
(Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

10. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, liema ħsara ma' tammontax għal aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) għad-detriment tas-surġent 345 Mark-George Cremona;
(Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Lil Christoph Jorge Valdivia Docio waħdu nakkużaħ ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

11. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-kuntistabbli 78 Luke Grima f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;
(Art. 214, 215 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

12. Irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor inkarigat min servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularijiet oħra;
(Art. 338 (g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Lil Christophe Jorge Valdivia Docio waħdu nakkużaħ ukoll talli fl-istess data għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

13. Beżaq xi sustanza għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizżat b'Liġi;
(Reg. 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-A.L. 344/05)

Lil *Omissis* waħdu nakkużah ukoll talli għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' filgħodu ġewwa l-Lock Up tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana:

14. Beżaq xi sustanza għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizżat b'Liġi;
(Reg. 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-A.L. 344/05)

15. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixklu waqt li kien jgħamel d-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħallu fi dmirijietu, billi ma ħalliex lis-surġent 1593 jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew setgħa jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS 1593 kien għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;
(Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk ittratata.

3. Rat li fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2020, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni numru 13 fil-konfront tal-imputat Christoph Jorge Valdivia Docio u l-imputazzjoni numru 14 fil-konfront tal-imputat *Omissis.*

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilha preskritt u rat in-noti ta' sottomissjonijiet tat-tlett imputati.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fil-15 ta' Mejju 2020 ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl (10.00pm), il-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan gew infurmati li l-istabbiliment Happy Dayz Bar kien qieghed jopera u kien hemm madwar tletin (30) persuna quddiem il-hanut. F'dak iz-zmien kien hemm il-pandemija tal-Covid 19, u l-ligi kienet tipprojbixxi gruppi ta' iktar minn erba' (4) persuni f'postijiet pubblici.

(ii) Meta l-Pulizija waslu fuq il-post, bdew jiehdu d-dettalji tal-persuni li kienu migbura quddiem dan l-istabbiliment, u li uhud minnhom bdew jixterdu.

(iii) Hin minnhom inqalghet kommossjoni bejn xi whud minn dawn il-persuni u l-Pulizija. Id-disgwid skala ghal glieda mal-Pulizija.

(iv) Konsegwenza ta' dan, il-Pulizija arrestat sitt (6) persuni, fosthom it-tlett imputati odjerni, li tressqu l-Qorti mixlija b'diversi imputazzjonijiet. Tlieta minn dawn il-persuni ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u inghatat sentenza fil-konfront taghhom fis-17 ta' Mejju 2020, fil-waqt li l-proceduri kriminali tkomplew kontra dawn it-tlett imputati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Skond il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, jew aktar, bhal fil-kaz odjern, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-

iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[1] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[2]

8. Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet lill-ufficjali tal-Pulizija u x-xhieda tal-ko-imputati l-ohra f'dawn il-proceduri.

9. Ghal din ir-raguni wkoll, il-Qorti se tikkunsidra l-provi prodotti, u l-eccezzjonijiet sollevati fil-konfront ta' kull imputat individwali. Pero peress li t-tlett imputat issollevaw tlett punti preliminari identici ghal xulxin, il-Qorti sejra tikkonsidra fl-ewwel lok dawn il-punti preliminari.

*<u>Ir-Reati kontemplati fil-konfront ta' PC803 Andrew Pullicino</u>*

10. Fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, l-imputati jghidu illi minkejja li huma gew mixlija b'reati *inter alia* kontra PC803 Andrew Pullicino, ir-reati fil-konfront tieghu ma jistghu qatt jissusistu, stante li f'dawn il-proceduri xehed PS803 Andrew Pullicino fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 (ossia membru tal-Pulizija iehor fil-kariga ta' surgent). Huma jissottomettu wkoll li ma hemm xejn x'jindika fl-atti li dan ix-xhud huwa l-istess persuna tal-akkuzi.

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[2] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella**.

11. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs Martin Brincat**" [30.4.2003] fejn gie konsidrat aggravju simili u fejn ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz, skond l-Artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. F'dik il-kawza l-aggravju kien gie respint ghaliex – bhal f'dan il-kaz - non si trattava ta' xi belt jew rahal b'xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq, pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l-incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant. Kien intqal ukoll f'dik is-sentenza li konsidrat il-fatt li - bhal f' dan il-kaz - l-appellant kien gie imwaqqaf minn ufficjal pubbliku li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih."*

12. L-istess jista' jinghad ghal kaz odjern. Huwa ovvju li anke mill-ewwel seduta, l-imputati, debitament assistiti mill-avukati difensuri taghhom, kienu ben konsapevoli tal-imputazzjonijiet li kienu qieghdin jigu mixlija bihom. In fatti, l-imputati ikkontestaw l-imputazzjonijiet, u waqt l-ezami wiegbu li ma kienx hatja. Huwa vera li kemm fic-citazzjoni kif ukoll fir-rapport tal-Pulizija hemm riferenza ghal PC803 Andrew Pullicino, izda f'dawn il-proceduri xehed PS803 Andrew Pullicino, pero id-difiza fl-ebda hin ma talbet differiment sabiex tirregola ruhha rigward dan il-fatt gdid. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri – hlief fin-noti ta' sottomissjonijiet finali - ma giet sollevata mid-difiza l-kwistjoni li l-imputati ma kienux jafu, jew li ma setghux ikunu jafu, totalment jew parzjalment il-fatti li kienu qieghdin jigu imputati lilhom, jew li b'xi mod id-dritt taghhom li jiddefendu ruhhom kien qieghed jigi ippregudikat.

13. Il-fatt li fic-citazzjoni, wiehed mill-ufficjali tal-pulizija gie indikat bhala kuntistabbli u mhux surgent, bl-ebda mod ma zvija jew qarraq bl-imputat, li kif diga inghad, kien jafu ezattament il-fatti li bihom kienu qieghdin jigu mixlija. Dan il-fatt lanqas ifisser, kif id-

[3] *Per* Judge Vincent De Gaetano.

difiza tipprova tissottometti li PS803 li xehed f'dawn il-proceduri mhux l-istess persuna imsemmija fic-citazzjoni. Id-difiza ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradixxi x-xhieda ta' PS803 Andrew Pullicino li hu kien fuq il-post mertu ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda kwistjoni dwar l-identita ta' Andrew Pullicino. Il-varjazzjoni minn kuntistabbli ghal surgent tista' tkun dovuta kemm ghal zball fic-citazzjoni kif ukoll ghaliex Andrew Pullicino xehed sena u nofs wara l-incident in kwistjoni, u allura jista' jkun li nel frattemp gie promoss ghal surgent. Fi kwalunkwe kaz, kif diga inghad, l-imputati bl-ebda mod ma spjegaw lill-Qorti xi pregudizzju sofrew b'din il-varjazzjoni fir-riferenza ghal kariga ta' dan l-Ufficjal tal-Pulizija, stante li kemm jekk kien kuntistabbli kemm jekk kien surgent fid-data tal-incident, m'hemmx dubbju li Andrew Pullicino kien ufficjal tal-Pulizija. Konsegwentement, din is-sottomissjoni tal-imputati qieghda tigi michuda.

*__Ir-Reati kontemplati fil-konfront ta' PC759 Alan Muscat__*

14. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, l-imputati jissottomettu wkoll illi ladarba l-kuntistabbli Alan Muscat ma xehedx f'dawn il-proceduri, huma ma jistghux jinstabu hatja tar-reati addebitati lilhom fil-konfront tieghu.

15. Il-Qorti tirrileva li kieku din is-sottomissjoni kellha tigi milqugha, ikun isegwi logikament li hadd ma jistgha qatt jinstab hati ta' omicidju volontarju ghaliex il-persuna mejta ma tkunx tista' titla' tixhed fil-proceduri kriminali. Ghalhekk, din is-sottomissjoni tal-imputati hija manifestament legalment infondata, u qed tigi rigettata. Il-Qorti trid tiddeciedi fuq il-htija tal-imputati a bazi tal-provi kollha prodotti quddiemha, diretti u indiretti.

*__In-Nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tezebixxi l-filmati__*

16. L-imputat jghidu li huma ghamlu talba *a tempo vergine* sabiex jigu elevati l-cameras tas-CCTV mill-istabbiliment Happy Dayz Bar, dawn baqghu qatt ma gew elevati u lanqas gew ezebiti il-filmati tal-*bodycam* tal-Pulizija. Huma jissottomettu li dan jitfa' dubju serju dwar il-verzjonijiet illi taw l-Ufficjali tal-Pulizija involuti f'dan l-incident,

u dan stante illi dawn setghu facilment jigu ikkorroborati mill-filmati li minkejja illi kienu fil-pussess tal-Pulizija baqghu qatt ma gew ezebiti.

17. Il-Qorti tirrileva li mill-atti ma jirrizulta bl-ebda mod li xi darba l-imputati waqt l-investigazzjoni u/jew fl-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni talbu li jigu elevati u/jew ezebiti dawn il-filmati. L-ewwel darba li l-imputati semmew dawn il-filmati kien waqt ix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri. Jekk verament il-Prosekuzzjoni kienet fil-pussess ta' dawn il-filmati, hija kienet obbligata li tezebihom ghax il-Prosekuzzjoni trid tressaq quddiem il-Qorti l-provi kollha kemm dawk favur kif ukoll dawk kontra l-imputati. Pero, kif diga inghad, ma hemm l-ebda prova in atti li dawn il-filmati kienu effettivament fil-pussess tal-Prosekuzzjoni.

18. Ghalkemm id-difiza setghet facilment ghamlet talba sabiex jigu ezebiti dawn il-filmati fil-bidu ta' dawn il-proceduri, dan m'ghamlitux. Id-difiza kellha ukoll l-opportunita li taghmel il-kontro-ezami lill-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri, u ghalhekk setghet staqsiethom jekk dawn il-filmati kienux jezistu, pero hija naqset li taghmel dan ukoll.

19. Fid-dawl tas-suespost, certament mhux lecitu li d-difiza tipprova tigbed xi inferenza u/jew titfa' xi dubbju fuq ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija purament a bazi ta' allegazzjoni gratwita u li ma hija bl-ebda mod ippruvata li l-Prosekuzzjoni kellha fil-pussess taghha dawn il-filmati u naqset li tezebihom f'dawn il-proceduri.

20. Qabel tikkunsidra l-meritu, din il-Qorti tixtieq tirreferi ghal osservazzjoni li ghamlu t-tlett imputat fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom fis-sens illi l-Pulizija li kienu fuq il-post u li xehdu f'dawn il-proceduri ma kellhomx verzjoni wahda, univoka u inkontrastanti. Il-Qorti tirrileva li kienet tinkwieta kieku dawn il-Pulizija kollha taw verzjoni wahda ghax kien ikun ifisser li tkun verzjoni orkestrata u li kien hemm kolluzjoni bejniethom. Xhud huwa obbligat li jghid il-fatti kif rahom u esperjenzahom hu. F'dan il-kaz, fejn kien hemm madwar tletin (30) persuna migbura quddiem il-bar, apparti dawk gewwa l-bar, u sitt (6) Ufficjali tal-Pulizija, wiehed jippretendi li dawn l-Ufficjali ma qaghdux kollha flimkien, izda infirxu biex jaqdu doveri differenti, u konsegwentement ma rawx u esperjenzawx l-istess affarijiet.

*Il-Meritu*

*Fir-Rigward ta' l-imputata Maria Patricia De Las Heras*

21. Fix-xhieda tieghu PS345 Mark Cremona[4] u fir-rapport tal-Pulizija[5] redatt minnu stess u ikkonfermat minnu bil-gurament, huwa spjega li hu dahal fil-bar biex ikellem lil min kien qed joperah, u ta ordni lill-Pulizija l-ohra biex jiehdu d-dettalji tal-persuni li kienu migbura quddiem il-bar. Ghal xi raguni inqalghet kommossjoni bejn xi persuni u l-Pulizija, u hu hareg mil-bar mar biex jikkalma s-sitwazzjoni. Pero l-imputata Maria Patricia de las Heras imbuttatu u qabdet il-mobile taghha stess u sabtitu fuq il-vettura tas-servizz. In vista ta' dan, hu mar biex jarrestaha, izda hija kisritlu in-nuccali tax-xemx li kien imdendel ma' l-uniformi, qabdet ir-radio tas-servizz tieghu u waddbitu mal-art, kif ukoll xejritlu daqqa ta' sieq fuq siequ l-leminija.[6] Huwa ezebixxa certifikat mediku minn fejn jirrizulta li hu kellu griehi ta' natura hafifa fuq siequ il-leminija.[7] Minn dan ic-certifkat jirrizulta li huwa kellu *sprain* fuq l-irkoppa tal-lemin, u *sprain* iehor fuq l-ispalla tax-xellug.[8]

22. Din il-verzjoni tal-fatti ta' PS 345 Mark Cremona hija ikkorroborata bix-xhieda ta' PC78 Luke Grima[9] u PS 803 Andrew Pullicino.[10] Huwa vera li dan ix-xhud ma gharafx lill-imputata De Las Heras fl-awla, pero wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li dan kien incident ta' ftit minuti, u li dan ix-xhud xehed iktar minn sena wara l-incident. In oltre, fix-xhieda tieghu PC78 mkien ma jghid li hu kellem lil din l-imputata direttament, izda kif ser jigi spejgat izjed l'isfel huwa kien involut fl-arrest tal-imputat Christoph Docio li mar biex jghin lill-imputata De Las Heras, u fil-fatt huwa gharaf biss lill-imputat Docio fl-awla.[11]

23. Fl-istqarrija taghha, l-imputata De Las Heras qalet illi hija tat id-dettalji taghha lill-Pulizija, telqet mill-bar u mxiet fid-direzzjoni tal-vettura taghha. Pero Pulizija ordnalha

---

[4] Ara fol. 144 tal-process.
[5] Ara fol. 14 tal-process.
[6] Ara rapport tal-pulizija a fol. 14 tal-process.
[7] Ara fol. 151 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Dr Christopher Muscat a fol. 265 tal-process.
[9] Ara fol. 152 tal-process.
[10] Ara fol. 215 tal-process.
[11] Ara fol. 153-154 tal-process.

biex timxi n-naha l-ohra tat-triq. Hi ippruvat tispjegalu li l-vettura taghha kienet qieghda ipparkjata hdejn il-vettura tal-Pulizija. Hi kompliet miexja fid-direzzjoni tal-vettura taghha, izda dan il-Pulizija imbuttaha mal-vettura tal-Pulizija u ippruva jdahhalha f'din il-vettura. Hi qalet li huwa possibbli li waqt li hu kien qed jimbuttaha mal-vettura tal-Pulizija, inkisru n-nuccali u r-radio tas-servizz tieghu.[12]

24. Fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata De Las Heras tat fis-sustanza l-istess verzjoni tal-fatti – hlief ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-radio tas-servizz.[13] Hija ziedet tghid li vicin il-karozza taghha kien hemm habiba taghha Blanca, li kienet ippanikjata ghaliex il-Pulizija kienu ghadhom kemm arrestaw lill-gharus taghha u haduh go vettura. Hija bdiet tghajjat lil Bianca biex tigi maghha fil-karozza ghax thassritha.[14] A differenza ta' dak li qalet fl-istqarrija taghha, fix-xhieda taghha, hija qalet li kienet il-karozza tal-Pulizija stess li ghafget ir-radio tal-Pulizija.[15]

25. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-verzjoni tal-fatti tal-imputata De Las Heras m'ghandhix mis-sewwa. Mhux verosimili, li ghal xejn b'xejn, jew ghax sempliciment talbitu ihalliha tidhol fil-vettura taghha, PS 345 Mark Cremona arrestaha, immanettjaha u dahhalha go vettura tal-Pulizija. Il-Qorti tosserva li fil-waqt li fl-istqarrija taghha, De las Heras qalet li possibilment in-nuccali u r-radio tas-servizz ta' dan is-surgent, inkissru waqt li kien qed jimbuttaha mal-vettura tal-Pulizija, fix-xhieda taghha qalet li r-radio inkiser ghax ghaddiet minn fuqu il-vettura tas-servizz tal-Pulizija.

26. F'dan l-aspett, ix-xhieda taghha hija kontradetta bix-xhieda ta' Ignazio Onieva Ustova – xhud prodott mid-difiza, u li kien ukoll qieghed jixrob quddiem il-bar, u ra l-akkadut. Ustova qal li hu ra lil din l-imputata sejra lejn il-vettura taghha, ra r-radio tal-Pulizija li kien fuqu jaqa' mal-art, u li sussegwentement hija giet arrestata mill-Pulizija, meta skond hu m'ghamlet xejn.[16] Dan ix-xhud ma offra l-ebda spjegazzjoni, wisq inqas wahda plawsibbli kif ir-radio tal-Pulizija waqa' mal-art. Pero huwa jghid ukoll li immedjatament qabel giet arresta, hu sema' lill-Pulizija jghid li l-imputata li waqqatlu ir-radio.[17]

---

[12] Ara fol. 32 tal-process.
[13] Ara fol. 664 tal-process.
[14] Ara fol. 668 tal-process.
[15] Ara fol. 665 tal-process.
[16] Ara fol. 677 tal-process.
[17] Ara fol. 677-678 tal-process.

27. Huwa wkoll sinifikanti li z-zewg xhieda prodotti mid-difiza Belen Agudo Barriero u Ignazio Onieva Ustava ukoll kienu qieghdin jixorbu fl-istess bar meta gew il-Pulizija flimkien ma' hafna nies ohra li kollha jafu lil xulxin, pero huma ma gewx arrestati – kienu biss sitt (6) persuni – fosthom De Las Heras – li gew arrestati.

28. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-verzjoni tal-fatti ta' PS 345 Mark Cremona hija hafna iktar kredibbli u ghandha mis-sewwa – l-imputata De Las Heras giet arrestata ghaliex kienet aggressiva mieghu kif spejga fix-xhieda tieghu, u kif ikkorroborat minn PC 78 Luke Grima. Il-Qorti m'ghandhix dubbju li din l-imputata kienet skonvolta ghaliex ftit minuti qabel kienu ghadhom kemm arrestaw lil habib taghha Luis Casas Pombo – li skond ix-xhieda ta' PC 1497 Julian Calleja ma riedx jaghti d-dettalji tieghu lill-Pulizija.[18] Mill-kumpless tax-xhieda taghha, specjalment dik in kontro-ezami jirrizulta li hi ma setghetx taccedi fil-vettura taghha, ghax din kienet ibblokkjata minn vettura tal-Pulizija. Hi talbet lill-Pulizija biex jersaq ha tkun tista' taccedi ghall-vettura, izda dan indikalha biex titlaq. Hi baqghet tinsisti mieghu, u meta hu baqa' jirrifjuta, agixxiet b'mod aggressiv fil-konfront tieghu.

29. Id-difiza taghmel riferenza ghal fatt li PC 1497 Julian Calleja qal illi ma raha lill-imputata taghmel xejn ghajr illi kienet fi grupp kontra r-regolamenti tal-pandenija. Pero dak li naqset li tghid id-difiza huwa li PC 1497 qal ukoll li hu kien involut fl-arrest ta' Luis Casas Pombo u telaq skorta mieghu.[19] Mix-xhieda tal-imputata De Las Heras, u anki minn provi ohra, jirrizulta ampjament li l-incident taghha ma' PS345 gara wara li Luis Casas Pombo ma' kienx ghadu fuq il-post. Ovvjament, PC 1497 ma setghax jixhed fuq x'gara fuq il-post, wara li hu kien fizikament telaq minn fuq il-post.

30. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-imputazzjonijiet numru wiehed (1), sitta (6) u tmienja (8) dedotti kontra l-imputata gew debitament ippruvati, pero biss fir-rigward ta' PS 345 Mark Cremona.

31. It-tieni imputazzjoni tikkoncerna ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.41 u 465.35 illi dak iz-zmien kien tipprojbixxi grupp ta' iktar minn erba' (4) persuni f'postijiet pubblici. Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-Avviz Legali 243/2020 hassar il-Legislazzjoni

[18] Ara fol. 160 tal-process.
[19] Ara fol. 161-162 tal-process.

sussidjarja 465.35, filwaqt li l-Avviz Legali 232/2020 hassar il-Legislazzjoni Sussidjarja 465.41.

32. L-Artikolu 12(1)(d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jippreskrivi illi

*"Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux - … …*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk."*

33. Pero l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:
*"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."*

34. In oltre, skond il-kazistika tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dan id-dritt ghall-piena l-anqas gravi huwa implicitu fl-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.[20]

35. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, qari ta' l-Artikolu 12(1)(d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u l-Artikolu 27 ta' Kodici Kriminali flimkien, ifisser li ghalkemm imputat jista' jinstab hati ta' reat kriminali li jkun gie abrogat fil-mori tal-proceduri kriminali, ladarba huwa ghandu d-dritt li tigi imposta fuqu l-piena l-inqas gravi, allura jsegwi li huwa m'ghandux jigi ikkundannat piena ghal dak ir-reat, jekk, kif gara fil-kaz odjern, fid-data tas-sentenza ladarba l-piena fuq dak ir-reat tkun giet abrogata flimkien mar-reat.

36. Fuq anke ammissjoni taghha stess irrizulta li l-imputata De Las Heras kienet fi grupp ta' iktar minn erba' (4) persuni f'post pubbliku, u ghalhekk l-imputatazzjoni numru 2 giet debitament ippruvata.

37. It-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali, u gew debitament ippruvati, limitatament fil-konfront ta' PS345 Mark Cremona.

---

[20] Ara **Parmak and Bakir vs Turkey** deciz fit-3 ta' Dicembru 2019.

38. Bl-imputazzjonijiet numru 7, 9 u 10, l-imputata De Las Heras hija mixlija bi hsara volontarja kontra l-proprjeta ai termini tal-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali. Mill-provi migbura jirrizulta li l-imputata kissret in-nuccali u r-radio tas-servizz tal-istess surgent, pero ma jirrizultax li hija ghamlet hsara fil-vettura tal-Pulizija. L-unika haga li tirrizulta fir-rigward tal-vettura tal-Pulizija hija li l-imputata sabtet il-mobile taghha fuq din il-vettura – imma jirrizultax xi hsara ghamlet, jekk ghamlet, b'dan l-agir. Fir-rapport tal-Pulizija, li gie ikkonfermat bil-gurament minn PS 345 Mark Caruana gie dikjarat li din il-hsara fuq il-bieba giet ikkawzata minn Bianca Lucia Fabla u Carla Ramierz.[21] Fir-rapport tal-Pulizija imkien ma jinghad li l-imputata De Las Heras ikkagunata xi hsara lill-vettura tal-Pulizija.

39. Is-Surgent 345 ezebixxa dokument b'fotokopja tal-ircevuta tax-xiri tan-nuccali fl-ammont ta' disgha u sebghin Euro (€79).[22] Dan in-nuccali kien inxtara ftit izjed minn tlett xhur qabel l-incident, u kien ghadu bil-garanzija. Huwa xehed li kienet inkissret is-sieq tan-nuccali u ghalhekk kien *beyond economical repair*. Kunsidrat il-valur pjuttost baxx ta' dan in-nuccali, il-Qorti m'ghandhix dubbju li n-nuccali kien *beyond economical repair*. Il-Qorti m'ghandhix bzonn tahtar perit biex jaghti stima tal-hsara, kif issottomettiet id-difiza, stante li biex wiehed jasal ghal stima biex jissewwa nuccali ta' dak il-valur ma hemm bzonn l-ebda hila specjali, imma semplicement wiehed jista' jasal ghaliha mill-esperjenza tal-hajja.

40. Pero, il-Pulizija ma ressqet l-ebda prova dwar l-istima tal-hsara lir-radio tas-servizz li gie mkisser mill-imputata De Las Heras.

41. Konsegwentement, il-Qorti mhux qed issib lill-imputata De Las Heras hatja tas-seba' (7) imputazzjoni dedotta kontra taghha, izda qed issib lill-imputata hatja tad-disa' (9) imputazzjoni dedotta kontra taghha. Il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar (10) imputazzjoni, stante li kif irrilevat id-difiza din l-imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-imputazzjoni numru disgha (9).

---

[21] Ara fol. 16 tal-process.
[22] Ara fol. 150 tal-process.

*Fir-Rigward ta' l-imputat Christoph Jorge Valdivia Doce*

42. PC78 Luke Grima xehed illi meta ra lill-imputata De Las Heras taggredixxi lil PS345 Mark Cremona, huwa mar biex jassistih. Pero f'daqqa wahda l-imputat Docio ta s-salt biex imur jghin lill-imputata De Las Heras. Hu u PC 803 marru biex jarrestaw lill-imputat Docio biex ma jmurx ihebb ghal PS 345. L-imputat Docio irrezista l-arrest, bil-konsegwenza li l-imputat Docio wegga' subajgh, waqt li PC78 wegga' idejh tal-lemin.[23] Mic-certifikat mediku ezebit jirrizulta li PC78 kellu *sprain* f'idu il-leminija, li hi ferita ta' natura hafifa.[24]

43. PS803 Andrew Pullicino wkoll xehed li waqt li l-imputata De Las Heras bdiet tirrezisti l-arrest, PC78 Luke Grima mar biex jipprova jassisti lil PS 345 Mark Cremona. Dak il-hin l-imputat Docio hebb ghal PC78, u hu mar biex iwaqqfu. Waqt l-arrest Docio waqa' ma' l-art u zewg persuni ohra ippruvaw iwaqfuh milli jaghmel xogholu, u waqa' fuq l-imputat Docio bil-konsegwenza li l-imputat Docio wegga' subghajh.[25]

44. PS 345 Mark Cremona ukoll xehed li waqt li hu kien qed jipprova jarresta lill-imputata De Las Heras, l-imputat Docio hebb ghal PC78.[26]

45. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Docio qal li hu kien ser jitlaq meta ra lill-imputata De Las Heras targumenta mal-Pulizija, ghax ma riedx ihalliha tidhol fil-karozza. Hu mar hdejha u qalilha biex tikkalma, sabiex ikellem lill-Pulizija hu. Jghid li imbaghad il-Pulizija imbuttah minghajr raguni ta' xejn, u konsegwenza ta' dan huwa waqa' mal-art u kiser subghajh.[27]

46. Fix-xhieda tieghu,[28] l-imputat Docio jghid li hu kien miexi biex jara x'ghandha bzonn l-imputata De Las Heras, u beda jghajtilha b'isimha u jsaqsiha x'gara. Meta kien ghadu xi ghaxar (10) metri l-boghod, gew il-Pulizija fuqu, imbuttawh mal-art, u arrestawh.

---

[23] Ara fol. 152 tal-process.
[24] Ara fol. 156 tal-process u xhieda ta' Dr Christopher Muscat a fol. 265 tal-process
[25] Ara fol. 215 tal-process.
[26] Ara fol. 146 tal-process.
[27] Ara fol. 35 tal-process.
[28] Ara fol. 555 tal-process.

47. Din il-Qorti issib il-verzjoni tal-fatti tal-Pulizija hafna iktar kredibbli. Certament m'ghandux mis-sewwa li l-imputat Docio gie arrestat minghajr l-ebda raguni. Fil-fatt il-Pulizija ma arrestawx lil kull min kien quddiem il-bar – izda sitta (6) minnhom biss. In oltre il-fatt li kemm l-imputat Docio kif ukoll PC 78 weggghu, juri certament li kien hemm kommossjoni bejniethom – li hi kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti tal-Pulizija.

48. Id-difiza tirrileva li fir-rapport tal-Pulizija jinghad li l-imputat Docio ikkaguna grif lil PC 78, fil-waqt li c-certifikat mediku gie maghmul fil-15 ta' Mejju 2020 f'12.30am., ferm qabel il-hin tal-incident de quo. Rigward ir-rapport tal-Pulizija, il-Qorti tirrileva li dan isemmi dak li kien vizibli dak il-hin, u l-Pulizija certament ma humiex il-persuni kompetenti sabiex jiddeterminaw t-tip ta' ferita in kwistjoni. *Sprain* hija ferita interna li ma tidhirx fuq barra. Dak li hu important huwa li *a tempo vergine* PC78 ilmenta minn ugiegh f'idu. Rigward ic-certifikat mediku, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dan kien *lapsus calami* tat-tabib Dr Christopher Chirop, li bi zvista kiteb id-data tal-15 minflok tas-16 ta' Mejju 2020, stante li kienu qabzu nofs-il-lejl.

49. Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li l-imputazzjonijiet numru wiehed (1) u (6) gew debitament ippruvati fil-konfront ta' PC78 Mark Grima u PS 803 Andrew Pullicino. L-imputazzjoni numru hdax (11) giet ukoll ippruvata skond il-ligi.

50. Rigward it-tieni imputazzjoni ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.41 u 465.35, a skans ta' ripetizzjoni inutli, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha iktar il-fuq, u l-istess konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw fil-konfront tal-imputat Docio.

51. Il-kontravenzjonijiet imsemmija fl-imputazzjonijiet numru tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) jirrizultaw ukoll ippruvati mill-provi prodotti, pero limitatament fil-konfront ta' PS345 Mark Cremona, PC 78 Luke Grima u PS 803 Andrew Pullicino.

52. Il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova rigward l-imputazzjoni numru tnax (12). Il-fatt li fil-bidu tal-kommossjoni l-Pulizija ma kienux konoxxenti tal-konnotati tal-imputat ma jfissirx necessarjament li hu irrifjuta li jtihomlhom. Konsegwentement, l-imputat ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni.

*<u>Fil-konfront tal-Imputata Carla Ramirez Casco</u>*

53. Kif sewwa irrilevat id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-ebda xhud prodott mill-Prosekuzzjoni ma gharaf lill-imputata jew semmieha fix-xhieda tieghu bhala xi wahda mill-persuni illi kienu fuq il-post u illi b'xi mod ikkommettiet xi wiehed jew aktar mir-reati lilha addebitati, hlief ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni u cioe li kienet fi grupp ta' iktar minn erba' persuni fil-pubbliku.

54. Huwa vera li fir-rapport tal-Pulizija redatt min PS 345 Mark Cremona jinghad li l-imputata Casco *"kienet ta' xkiel fl-arrest tal-persuna imsemmija* [Luis Casas Pombo] *u fixklu lil PC 803 u PC 906 billi bdew jimbuttawhom."* Pero dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija ma semmewx u lanqas gharfu lil din l-imputata fl-awla waqt ix-xhieda taghhom.

55. L-unika xhud li gharaf lill-imputata Casco kien PC 1497 Julian Calleja, li l-unika haga li ra taghmel hu li tikser ir-regolamenti tal-pandenemija dwar ta' persuni fi gruppi fil-pubbliku.

56. Fix-xhieda taghha l-imputata Casco innegat li wettqet ir-reati addebitati lilha, hlief il-ksur tar-regolamenti tal-pandenemija.

57. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha, hlief ghall-imputazzjoni numru tnejn (2). Pero, a skans ta' ripetizzjoni inutli, il-Qorti taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet taghha iktar il-fuq dwar din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

58. Fl-ikkalibrar tal-piena tal-imputati De Las Heras u Docio, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li huma ghandhom fedina penali netta ghas-snin li huma ilhom jirrisjedu Malta. Pero, il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li huma kellhom kundanna matul dawn il-proceduri talli kisru d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lilhom f'dawn il-proceduri.[29]

---

[29] Ara s-sentenza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 t'Ottubru 2021 a fol. 202 tal-process.

59. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-gravita tar-reati li taghhom dawn iz-zewg imputati instabu hatja – fil-maggoranza assoluta taghhom reati fil-konfront ta' ufficjali tal-Pulizija. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma jaghmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi.

60. Pero tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena m'ghandhix tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

61. Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, ghalkemm il-Qorti sabet lit-tlett imputati hatja tat-tieni imputazzjoni, hija ma hija se teroga l-ebda forma ta' piena fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

62. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

*Fil-konfront tal-imputata Maria Patricia De Las Heras*

1. Issib lill-imputata mhux hatja tas-seba' (7) imputazzjoni dedotta kontra taghha, u qed tilliberaha minnha.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar (10) imputazzjoni dedotta kontra taghha;

3. Wara li rat r-Regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.35 u r-Regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 465.41 issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha, pero l-ebda piena ma hija se tigi inflitta stante li din il-Legislazzjoni Sussidjarja giet abrogata fil-mori tal-proceduri.

4. Wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 339(1)(d), 338(dd), 96(a), 214, 215, 221(1) u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Maria Patricia De Las Heras hatja tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6), tmienja (8) u disgha (9) limitatament fil-konfront ta' PS 345 Mark-George Cremona, u issibha mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet numru

tlieta (3), erbgha (4) u sitta (6) limitatament in kwantu dawn l-imputazzjonijiet huma fil-konfront tal-ufficjali tal-Pulizija ohra indikati fl-istess imputazzjonijiet u qieghda limitatament tilliberaha mill-imputazzjonijiet tlieta (3), erbgha (4) u sitta (6) in kwantu dawn jirrigwardaw l-ufficjali tal-Pulizija ohra.

5. Tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. In oltre, il-Qorti qed tikkundanna ukoll lill-hatja ghal piena ta' hlas ta' multa ta' sitt elef Euro (€6,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hames mitt Euro (€500), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2024, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

7. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, thallas lil PS 345 Mark-George Cremona is-somma ta' s-somma ta' disa' u sebghin Euro (€79.00), rapprezentanti d-danni kagunati lilu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

*Fil-konfront tal-imputat Christoph Jorge Valdivia Docio*

8. Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni numru tnax (12) dedotta kontra tieghu, u qed tilliberah minnha.

9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru tlettax (13) dedotta kontra tieghu, stante li din giet iritirata mill-Prosekuzzjoni.

10. Wara li rat r-Regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.35 u tar-Regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 465.41 issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, pero l-ebda piena ma hija se tigi inflitta stante li din il-Legislazzjoni Sussidjarja giet abrogata fil-mori tal-proceduri.

11. Wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 339(1)(d), 338(dd), 96(a), 214, 215 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Christoph Jorge Valdivia Docio hati tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6), limitatament fil-konfront ta' PC78 Luke Grima, PS 345 Mark-George Cremona u PS803 Andrew Pullicino u issibu mhux hati tal-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u erbgha (4) limitatament in kwantu dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw l-ufficjali tal-Pulizija ohra indikati fl-istess imputazzjonijiet, u qieghda limitatament tilliberah mill-istess imputazzjonijiet tlieta (3) u erbgha (4) in kwantu dawn jirrigwardaw lill-ufficjal tal-Pulizija l-ohra;

12. tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. In oltre, il-Qorti qed tikkundanna ukoll lill-hati ghal piena ta' hlas ta' multa ta' sitt elef Euro (€6,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hames mitt Euro (€500), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2024, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

*Fil-konfront tal-imputata Carla Ramirez Casco*

14. Wara li rat r-Regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.35 u tar-Regolament 2 tal-Ligislazzjoni Sussidjarja 465.41 issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha, pero l-ebda piena ma hija se tigi inflitta stante li din il-Legislazzjoni Sussidjarja giet abrogata fil-mori tal-proceduri.

15. Issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra taghha u qed tilliberaha minnhom.

63. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja Maria Patricia De Las Heras u lil Christoph Jorge Valdivia Docio fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza, u l-konsegwenzi f'kaz li jonqsu milli josservawha,

u cioe f'kaz li jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u fil-kaz ta' Maria Patricia De Las Heras jekk hija tonqos li thallas lil PS345 Mark George Cremona l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**